MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1369/2003

**First International Limited**

**Vs**

**Office Line Limited**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm714.85 (sebgha mija u erbatax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) dovuti bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Gunju 2003 kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-6 ta' April 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-26 ta' April 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------